

32000R2448

8.11.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 282/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2448/2000
tas-7 ta' Novembru 2000**

**li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti awtonomi tat-tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti
tas-sajd**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u speċjalment l-Artikolu 26 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-provvisti Komunitarji ta' ċerti prodotti tas-sajd bħalissa jiddipendu fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Huwa fl-interess tal-Komunità li tissospendi għal xi żmien id-dazji tad-dwana fl-intier tagħhom jew f'parti minnhom fuq il-prodotti fil-kwistjoni, ġewwa l-kwoti tat-tariffa Komunitarja ta' volum xieraq. Sabiex ma tipperikolax il-prospetti ta' l-iżvilupp ta' din il-produzzjoni fil-Komunità u sabiex tiżgura provvista xierqa li tissodisfa l-industriji ta' dawk li jużawhom, huwa tal-parir illi dawn il-kwoti jinfetħu, billi jiġu applikati dazji tad-dwana varjati kif ikun jixraq lis-sensitività tal-prodotti differenti fis-suq tal-Komunità.
- (2) Jinħtieġ, b'mod partikolari, illi jiġi żgurat għall-impurtaturi kollha Komunitarji aċċess egwali u mingħajr waqfien tar-rati stabiliti għall-kwoti l-importazzjonijiet kollha ġewwa l-Istati Membri kollha tal-prodotti interessati sakemm il-kwoti jkun użati kollha.
- (3) Id-deċiżjoni għall-ftuħ tal-kwoti awtonomi tat-tariffa għandha tittieħed mill-Komunità. Għalbiex tiġi żgurata l-effiċjenza fl-amministrazzjoni komuni għal dawn il-kwoti, ma jeżisti l-ebda xkiel raġjonevoli li jżomm milli l-Istati Membri jiġu awtorizzati sabiex jieħdu mill-volumi tal-kwoti l-kwantitajiet meħtieġa li jikkorrispondu ma' l-importazzjonijiet attwali. Madankollu, dan il-metodu ta' amministrazzjoni jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u din ta' l-aħħar trid b'mod partikolari tkun tista' timmonitorja r-rata li biha l-kwoti jintużaw u tgħarraf lill-Istati Membri kif jixraq.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2594/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jstabilixxi d-dispożizzjonijiet sabiex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92

li jstabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽¹⁾, ikkodifikat ir-regoli tal-maniġġjar tal-kwoti tat-tariffa mfassla għalbiex jintużaw skond l-ordni kronoloġika tad-dati tad-dikjarazzjonijiet tad-dwana.

- (5) Eżami tas-sitwazzjoni rigward il-provvisti tal-gambli tropikali u l-gambli kbar tropikali mill-Amerika tan-Nofsinhar u Ċentrali (gambli u gambli kbar ta' l-ispeċji *Penaeus*, għajr l-ispeċi *Penaeus monodon* u *Penaeus japonicus*) lis-suq tal-Komunità wera li, l-aktar minħabba s-“sindromu tat-tebġha l-bajda” li taffettwa l-ispeċi, l-industriji li jużawhom ma għadhomx jirċievu provvisti biżżejjed temporanjament. Għandha għalhekk tinfetaħ kwota awtonoma tat-tariffa għal kwantità limitata u għal żmien limitat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Id-dazji ta' l-importazzjoni fuq l-oġġetti elenkati fl-Anness għandhom jiġu sospiżi skond ir-rata indikata tad-dazju għall-perjodi taż-żmien ikkonsidrati u fl-ammonti indikati fih (l-Anness).

2. L-importazzjonijiet tal-prodotti fil-kwistjoni ma għandhomx jiġu koperti bil-kwoti riferiti fil-paragrafu 1 għajr jekk il-prezz ta' fuq il-fruntiera, li jiġi stabilit mill-Istati Membri skond l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3759/92 tas-17 ta' Diċembru 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-sajd u l-prodotti ta' l-akwakultura ⁽²⁾, ikun għallanqas egwali għall-prezz tar-referenza ffissat, jew li jrid jiġi ffissat, mill-Komunità għall-prodotti meqjusa tal-kategoriji tal-prodotti interessati.

⁽¹⁾ ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1602/2000 (ĠU L 188, tas-26.7.2000, p. 25).

⁽²⁾ ĠU L 388, tal-31.12.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3318/94 (ĠU L 350, tal-31.12.1994, p. 15).

L-Artikolu 2

Il-kwoti tat-tariffa riferiti fl-Artikolu 1 għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 308a sa 308ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

L-Artikolu 3

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib għalbiex jiżguraw illi dan ir-Regolament jiġi mħares.

L-Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Novembru 2000

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

D. VOYNET

L-ANNEX

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Kodiċi TARIC	Deskrizzjoni	Ammont tal-kwota (tunnellati)	Dazju tal-Kwota (%)	Żmien tal-Kwota
09.2990	ex 0306 13 50	20	Gambli u gambli kbar ta' l-ispeċji <i>Penaeus</i> , minbarra l-ispeċ ji <i>Penaeus monodon</i> u <i>Penaeus japonicus</i> ; fil-qoxra, iffriżati, għall-ipproċessar ^(a) ^(b)	10 000	3,6	1.11.2000-31.3.2001

^(a) Il-kontroll ta' l-użu ta' din ir-raġuni speċjali għandu jitwettaq skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunità.

^(b) Din il-kwota hija disponibbli għall-prodotti li huma maħsuba li jgħaddu minn din l-operazzjoni, sakemm tkun teknikament għal wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- it-tindif, it-tneħħija tal-ġewwieni, il-qtuġ tad-dnub, il-qtuġ ta' l-irjus,
- it-tqattigħ (għajr it-tqattigħ f'biċċiet żgħar, il-filettjar, it-tqattigħ ta' blokki iffriżati jew il-qsim ta' blokki ta' flettijiet bil-friża bil-folja bejniethom),
- it-teħid ta' kampjuni, il-għażla skond il-gruppi,
- it-tikkettjar,
- l-imballaġġ,
- it-tkessih,
- l-iffriżar,
- l-iffriżar qawwi (*deep freezing*),
- it-tnehhija tal-friza, is-separazzjoni.

Il-kwota mhix disponibbli għall-prodotti maħsuba, b'żieda ma' dawn, li jgħaddu minn trattament (jew operazzjonijiet) li jagħtu intitolament għall-kwota, fejn dan it-trattament (jew l-operazzjonijiet) jiġi/u mwettqa fuq il-livell tal-bejgħ bl-immnut jew tal-provvista ta' l-ikel. It-tnaqqis ta' ċerti dazji tad-dwana għandu japplika biss għall-ħut maħsub għall-konsum mill-bniedem.